



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit*

---

**2012/2253(INI)**

19.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rakkomandazzjoni lis-SEAE u lill-Kunsill dwar ir-rieżami 2013 tal-  
organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE  
(2012/2253(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ivailo Kalfin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Affarjiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li s-SEAE nħoloq reċentement bħala istituzzjoni li ħarġet mill-konsolidament ta' diversi servizzi differenti u li l-2011 kienet l-ewwel sena operattiva tiegħu, sena li kien fiha għadd ta' sfidi tekniċi li jridu jingħelbu, partikolarment fl-akkwist, fir-reklutaġġ u fil-kultura u l-prattiki istituzzjonali;
2. Ifaħħar l-eżempji eċċellenti ta' koordinament bejn is-SEAE u istituzzjonijiet oħra u donaturi internazzjonali u jirrakkomanda li dawn il-prattiki jiġu stabbiliti bħala standards;
3. Jirrimarka li meta twaqqaf is-SEAE żewġ oqsma amministrattivi, li huma l-awditjar intern u l-kontabbiltà, reġġu għaddew għand il-Kummissjoni għal raġunijiet ta' kostijiet; jirrikonoxxi li sar iffrankar effettiv u jirrakkomanda t-tkomplija ta' din il-kooperazzjoni;
4. Jirrakkomanda li s-SEAE kostantement ifittex sinerġiji u valur miżjud mill-interazzjoni tiegħu mal-Istati Membri kemm f'termini ta' qsim ta' informazzjoni u analiżi kif ukoll fit-tweqqif tal-funzjonijiet ta' rappreżentanza diplomatika fil-pajjiżi terzi rispettivi;
5. Jinnota l-perjodu intensiv ta' reklutaġġ fl-ewwel sena operattiva tas-SEAE biex jiġi żgurat li jkun hemm għadd sħiħ ta' persunal; jinnota, barra minn hekk, li hemm xi delegazzjonijiet partikolari fejn il-karigi huma aktar diffiċli li jimtlew, l-aktar minħabba l-livell ta' riskju assoċjat mal-post fejn jiffunzjonaw;
6. Iqis bħala diffiċli li jsiru paraguni dettaljati tal-kundizzjonijiet eżistenti fil-140 post ta' ħidma li fihom is-SEAE jkollu jopera; jirrakkomanda, għalhekk, li jkunu definiti l-kriterji ta' referenza fir-rigward tas-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE fl-istess pajjiż;
7. Jiddispijaċih dwar l-iżbilanċ ġeografiku u tal-ġeneru fi ħdan is-SEAE, bi proporzjon aktar baxx ta' persunal li ġej mill-Istati Membri l-aktar ġodda minn daww tal-UE-15 (il-maġġor part kbira huma fil-livelli 'l isfel mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet) u l-ammont relattivament baxx ta' rappreżentanza tan-nisa; iħeġġeġ lis-SEAE jieħu l-miżuri neċessarji biex ittejjeb din is-sitwazzjoni;
8. Jinnota b'sodisfazzjon ir-rendiment u l-ġestjoni ta' 8 800 kandidat, b'1 300 intervista li saru u b'118-il post vakanti li mtlew fl-2011;
9. Jinnota li 39.5 % tal-ambaxxaturi tal-Unjoni ġejjin mill-Istati Membri; ifakkar li skont il-ftehim terz tal-karigi għandhom jimtlew mill-persunal tal-Istati Membri; jitlob lir-Rappreżentant Għoli timplimenta dak il-ftehim, filwaqt li tiżgura wkoll li l-karigi medji u għolja jkunu koperti fil-kwota;
10. Jirrimarka li hemm żbilanċ bejn id-delegazzjonijiet tas-SEAE u l-membri tal-persunal tal-Kummissjoni; jitlob sabiex aktar persunal tas-SEAE jkun trasferit mis-sede ċentrali għad-delegazzjonijiet;

11. Jinsisti dwar reviżjoni tas-36 delegazzjoni li fihom hemm biss ambaxxatur, bl-għan li jew jingħalqu jew jiżdied il-persunal tagħhom fejn xieraq;
12. Iħeġġeġ bis-sħiħ lis-SEAE, fir-rigward tal-arranġamenti tal-ivvjaġġar tal-persunal, jadotta Prattiki simili għal dawk applikati mill-Istati Membri f'ċirkustanzi kumparabbli;
13. Jinsisti li, bir-reviżjoni tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal (pajjiżi terzi), l-għadd ta' jiem tal-liv u ta' jiem oħra mingħajr ħidma tal-uffiċċji lokali jsiru konformi ma' dak li hu applikabbli għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri li fihom jiffunzjonaw;
14. Jemmen li r-reviżjoni tas-SEAE tirrappreżenta forum fejn tista' ssir analiżi dettaljata tal-kumparabbiltà bejn ir-riżorsi disponibbli u l-funzjonijiet li s-SEAE jrid iwettaq kif ukoll ta' kwalunkwe bidla meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' effiċjenza fl-operazzjonijiet tiegħu; jemmen li evalwazzjoni tal-proprjetà li s-SEAE qed juża għandha tinvolvi paraguni ma' missjonijiet diplomatiċi oħra fl-istess lokalità iktar milli bejn il-faċilitajiet tas-SEAE fid-diversi pajjiżi;
15. Jitlob biex jitressaq pjan pluriennali għall-binjiet tal-UE u għas-sigurtà tal-persunal u tal-bini fil-pajjiżi terzi kollha li fihom hemm rappreżentanza tal-UE;
16. Jinsisti dwar il-ħtieġa ta' analiżi tal-effiċjenza tal-ftehimiet fil-livell ta' servizz bejn is-SEAE u l-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill rispettivament, u jissuġġerixxi li jiġu emendati l-ftehimiet eżistenti u, fejn xieraq, iffirmati oħrajn ġodda, sabiex jiġu indirizzati l-problemi fil-livell tal-ġestjoni amministrattiva.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.3.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Zuzana Brzobohatá, Andrea Češková, Ryszard Czarnecki, Tamás Deutsch, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Ingeborg Gräßle, Jan Mulder, Eva Ortiz Vilella, Monika Panayotova, Aldo Patriciello, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Bart Staes, Georgios Stavrakakis, Søren Bo Søndergaard
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jorgo Chatzimarkakis, Edit Herczog, Ivailo Kalfin, Olle Schmidt, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Peter Jahr